MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1480/1998/1

**Cirino Ferrante**

**vs**

**Emanuel sive Noel Palmier, Palmier Holdings Limited u P.F.B Co Ltd**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kreditur tal-konvenuti solidalment bejniethom, fl-ammont ta’ Lm6206 rappresentanti avanzi minnu maghmul lil konvenut Emanuel sive Noel Palmier, f’ ismu proprio u ghan-nom ta’ Palmier Holdings Ltd., sabiex jinghata ishma fis-socjeta konvenuta P.F.B Co. Limited;

Illi sussegwentement irrizulta illi l-konvenut Emanuel sive Noel Palmier kien qarraq bl-attur, ma nkludihx fis-socjeta' konvenuta P.F.B Co. Limited u mmisapproprija ghalih personalment u ghas-socjeta' konvenuta P.F.B Co. Limited is-somma versata ta' Lm6206;

Illi l-attur diversi drabi, anke ufficjalment, interpella lil konvenut Emanuel sive Noel Palmier sabiex jirrifondilu s-somma avvanzata, izda dan ta' l-ahhar baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur huwa cert, likwidu u dovut;

Illi fil-fehma tal-attur il-konvenuti m'gahndhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sittin (167) "et sequitur" tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness affidavit tal-attur Cirino Ferrante u mmarkat bhala Dok "A";

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti: -

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Oraganizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma bejniethom ta' Lm6206, liema somma tirrapresenta avanzi maghmula, bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-avanzi;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat t'inibizzjoni, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avanzi kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gieveccepit :-

1. Illi, l-ammont pretiz mhux dovut u dan kif ser jigi ampjament ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, subordinament u minghajr pregudizzju gahs-suespost, ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti;

Semghet lill-konvenut Noel Palmier u lix-xhieda prodotti mill-konvenuti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur qed jippretendi li huwa kreditur tal-konvenuti solidalment bejniethom fis-somma ta’ sitt elef mitejn u sitt liri maltin (Lm6206) u dana bhala ammont komplessiv avanzat lill konvenuti Noel Palmier u lis-socjeta konvenuta Palmier Holdings Ltd., bil-ghan li l-attur jinghata ishma fis-socjeta konvenuta l-ohra P.F.B Co. Limited. Skond l-attur il-konvenut Noel Palmier kien qarraq bih u ma nkludihx fl-imsemmija socjeta konvenuta P.F.B Co. Limited. Dejjem skond l-attur, il-konvenut mmisapproprija ruhu mill-imsemmija somma u dana a beneficcju tieghu stess u tal-istess socjetajiet konvenuti. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti solidalment bejniethom jigu kundannati ihallsu s-somma indikata bl-imghaxijiet relattivi;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-imsemmi ammont mhux dovut;

Il-konvenuti ma jikkjarifikawx ghaliex, skond huma, l-ammont in kwestjoni mhux dovut. Lanqas ma tirrizulta sufficjentement pruvata, u dan la mid-deposizzjoni tal-konvenut Palmier u lanqas mill-provi l-ohra prodotti mill-konvenuti, r-raguni ghaliex l-ammont mitlub mhux dovut. Il-konvenut Palmier ddepona f'dawn il-proceduri, pero jirrizulta li l-istess konvenut mhux affidabbli u jikkontradici lilu nnifsu diversi drabi;

In effett jirrizulta li giet registrata socjeta bl-isem PFB Co. Limited fejn l-attur gie eskluz kemm bhala azzjonista kif ukoll bhala direttur. L-inizjali PFB jikkorrispondu mal-kunjomijiet tal-konvenut Palmier, tal-attur Ferrante u ta' baarani iehor li ukoll kellu jippartecipa fis-socjeta in kwestjoni. Dan hu indikattiv li l-ftehim kien li l-attur jippartecipa f'din is-socjeta kemm bhala azzjonista kif ukoll bhala direttur. Effettivament l-istess konvenut, li ma jinnegax li l-attur kien avanzalu xi fondi, jikkonferma li dawn il-fondi ntuzaw bhala kapital tas-socjeta l-gdida;

Il-konvenut Palmier ghall-ewwel jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn mall-attur u sussegwentement jiddikjara li l-attur kellu jitqies bhala socju ta' din il-kumpanija. Difatti l-konvenut jghid ukoll li huwa kien iqis lill-attur bhala socju tal-kumpanija, u kien jiddiskuti mieghu bhala socju tal-kumpanija.  Il-konvenut qal li l-attur (bhala barrani) ma setax ikun socju ta' socjeta registrata lokalment qabel mal-attur jghamel xi depositu mal-Bank Centrali. Il-kovenut f'dan ir-rigward ma gab ebda prova u ma ghamel ebda referenza ghal-xi ligi jew regolament partikolari. Huwa qal li l-attur kien gie infurmat b'dan mill-accountant tal-kumpanija, pero' hawnhekk ukoll il-konvenut naqas li jipproduci lill dan l-accountant biex jixhed;

Il-konvenut kompla jixhed li l-attur ma ghamlux l-imsemmi depositu mal-Bank Centrali u ghalhekk l-attur accetta li l-konvenut kellu jkun il-prestanome tieghu. L-attur, meta xehed, ma ghamel l-ebda accenn li l-konvenut kellu

jghamilha ta’ prestanome ghalih. Inoltre l-fatt li l-attur accetta li jkun “silent partner” ma jfissirx li kien qed jaccetta li l-konvenut jghamilha ta’ prestanome tieghu;

Il-konvenut ikkonferma li s-socjeta m’ghadiex tinnegozja. Qal ukoll li hemm ammonti li ghad iridu jithallsu lill-bank kif ukoll lill terzi. Zied jghid li dan id-dejn qed ihallsu hu. Anke f’dan ir-rigward il-konvenut naqas li jgib provi. Huwa lanqas ma pproducja l-kotba tan-negozju, li jridu jinzammu skond il-ligi. Il-konvenut qal ukoll li l-accounts qatt ma gew audited. Il-konvenut ammettta ukoll li huwa kien uza il-fondi tas-socjeta in kwestjoni ghall-uzu personali tieghu. Ir-raguni, li gab il-konvenut ghaliex uza xi fondi tas-socjeta, mhux verosimili u f’dan zgur li l-konvenut mhux affidabbli billi lanqas gab provi biex jiggustifika dan l-ghemil tieghu. F’dan ir-rigward ghalhekk ma jistax jigi eskluz li l-konvenut Palmier regolarment kien juza l-fondi tas-socjeta ghall-usu personali tieghu;

Da parti tieghu l-attur ikkonferma li huwa kien ftihem mal-konvenut Palmier biex jinvesti fi progett cioe’ f’kumpless turistiku li kien jinkludi restaurant tal-kcina Taljana. Fi-fatt dan il-progett sehh u l-attur ivversa xi fondi lill-konvenut Palmier. Dawn il-fondi kienu jammontaw ghas-somma li qed tintalab fic-citazzjoni. L-attur ikkonferma li l-ftehim kien li tigi registrata socjeta u li hu, cioe’ l-attur kellu jkun socju u direttur fl-istess socjeta. L-attur iddikjara li ma kienx jaf li huwa ma kienx registrat bhala socju tal-kumpanija. L-attur ikkonferma ukoll li qatt ma gie muri xi rendikont dwar l-andament tan-negozju. L-attur jghid li sar jaf li ma kienx socju tas-socjeta' PFB fil-1998 wara li l-konsulent legali tieghu kien ghamel xi ricerki u kien irrizulta li huwa qatt ma kien socju tas-socjeta'. L-attur ukoll kellu f’mohhu li huwa kien direttur tas-socjeta' PFB;

Il-persuna li kienet tahdem bhala segretarja mas-socjeta’ PFB ikkonfermat li l-impressjoni li kienet hadet kienet li l-konvenut Palmier u l-attur kienu flimkien is-sidien tas-socjeta u li l-attur kien direttur u azzjonista tas-socjeta’ li maghha kienet tahdem;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjoni tal-konvenuti timmerita li tigi rigettata, filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. L-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-ammont in kwestjoni in solidum bejnithom. Hawnhek il-kwestjoni tirrigwarda transazzjoni kummercjali u f'dan it-tip ta' negozju tesisti s-solidarjeta tad-debituri versu l-kreditur;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u billi it-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef mitejn u sitt liri maltin (Lm6206) ekwivalenti ghal erbghatax  il-elf erba' mija u sitta u hamsin punt zero disgha euro (€14456.09), liema somma tirrapresenta avanzi maghmula u dana bl-imghaxijiet kollha relattivi mid-data ta' meta saru dawn l-istess avanzi;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------